MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Avviz Numru. 132/2007

**Onor. Dr Austin Gatt (ID: 550553M)**

**Vs**

**Dr Claire Bonello (ID: 295173M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata, prevja dikjarazzjoni ta’ din il-Qorti illi l-e-mail mibghuta mill-konvenuta lil numru ta’ persuni u organizzazzjonijiet fis-16 ta’ Mejju 2007 (Dok. A) hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur billi tikkontjeni allegazzjonijiet foloz li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-attur jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku – thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti a tenur tal-Art. 28 tal-Ligi dwar L-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti u markat 'Dok A'.

Rat ir-risposta tal-konvenuta (fol 10 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.
2. Illi l-email indikata mill-attur mhiex libelluza fil-konfront tieghu u tikkontjeni allegazzjonijiet ta' fatti u kummenti li jammontaw ghal-'fair comment'.
3. Illi subordinatament l-istess email tikkostitwixxi informazzjoni li kienet fl-isfera pubblika qabel ma ntbaghtet l-email u li l-attur stess kien ghamel dikjarazzjonijiet fejn qal l-istess diskors li hu qed jallega li hu libelluz fil-konfront tieghu precedentement ghall-invjar ta' l-email.
4. Illi f'kull kaz l-eccipjenta kienet qed tagixxi in buona fede u ma tistax ghalhekk tigi lilha imputata li agixxiet b'animus iniuriandi.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi:-

a) Kif jidher a fol 23 tal-atti, il-partijiet kienu qablu, permezz tal-Avukati rispettivi taghhom, illi l-'e-mail' in esami originali kif riprodotta a fol 2 tal-atti originat mill-konvenuta u li kienet hi li kitbitha u ccirkolata.
b) L-attur (fol 24 u fol 25 ibid) spjega fix-xhieda tieghu, illi, fis-16 ta' Mejju 2007 kien sar jaf li l-konvenuta kienet baghtet 'e-mail' lil diversi organizzazzjonjiet u individwi u li kienet tinkludi, ukoll, dak li hemm imnizzel fid-dokument a fol 2 tal-atti cjoe 'It is renowed that Government is

unmoving because Austin Gatt (or a front) and some of his big galoppini have bought shops in the area which they plan to convert into cafes with outside street furniture'. Wara li spjega lil min kienet intbaghtet u kif, hu sar jaf biha, hu qal li fil-perjodu in kwistjoni, kien hemm ghaddej dak li hu sejjah bhala l-'upgrading' ta' Triq il-Merkanti fil-Belt Valletta. Minhabba dan, gie ppjanat li il-'Monti' jitpogga aktar l-isfel quddiem is-suq tal-Belt. Dwar dan kienet inholqot, kontroversja pubblika bejn il-'U.H.M.' in rappresentanza tal-persuni involuti fil-Monti u l-Ministeru tieghu kien qed jiehu hsieb dan ic-caqlieq tal-postazzjonijiet in vista tal-kariga tieghu bhala 'chairman' tal-kumitat imsemmi fl-istess xhieda L-istess attur, wara li qal li hu jigi elett mid-distrett fejn hu sitwat il-Monti, cahad '…. Li qatt xtrajt xi café' u asserixxa li 'jiena qatt ma kont interessat li nixtri xi hanut x'imkien Malta jew Ghawdex jew li qatt qabbadt lil xi hadd biex jixtri xi hanut … kif hemm fl-istess e-mail' u rrefera ghall-kontenut tal-istess 'e-mail' bhala 'invenzjoni totali'. <u>In kontro-ezami</u>, hu semma' li dwar l-istess kontenut, kien hemm '…… hafna dicenzi ghaddejjin'. Difatti il-konvenuta esebiet estratt minn gazzetta lokali bl-Ingliz dwar l-istess suggett u fejn hemm allegat anzi jigi mistoqsi. 'Did Minister Gatt have a personal interest in the relocation of the Monti' (fol 28 ibid) (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Andrew Grima</u> a fol 41 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenuta</u> (fol 43 ibid), permezz ta' 'affidavit' xehdet illi hi, bhala opinjonista kienet tircievi, anke anonimament, informazzjoni fuq affarijiet li kienu ta' interess. Fil-perjodu qabel ma hi kienet baghtet l-'e-mail' in kwistjoni , kienet inqalghet tilwima dwar ir-rilokazzjoni tal-postazzjoni tal-Monti sabiex jsir pavimentar mill-gdid, ta' Triq il-Merkanti. Hi kienet giet informata minn diversi nies li l-Gvern ma riedx jilhaq kumpens f'din it-tilwima peress li '… l-Ministru Austin Gatt kellu xi interess f'xi wiehed mill-istabbilmenti fi Strada Merkanti', liema informazzjoni kienet inghatat lilha minn diversi persuni u minn sorsi differenti. Hi semmiet, ukoll, li l-istess attur kien jaf b'dawn id-dicenzji, deskritti minnha bhala '… fid-dominju pubbliku' u dwar dan ghamlet riferenza ghal dak li l-istess attur hu rappurtat li

qal fl-intervista skond l-estratt ta’ gazzetta esebita a fol 28 ibid, liema intervista saret qabel l-‘e-mail’ in esami. Fis-16 ta’ Mejju 2008, il-konvenuta xtaqtet taghti xi informazjoni permezz tal-‘e-mail‘ in esami in konnessjoni ma attivitajiet dwar il-Belt Valletta fosthom in konnessjoni mal-monti. Ghalhekk hi semmiet problemi dwar trasport u ‘child care centres’ .. Hi semmiet ukoll illi ‘… qed tinxtered xniegha rigward l-involviment tal-Ministru Gatt fil-kwistjoni ta’ Strada Merkanti’. Dwar din tal-ahhar, il-konvenuta issottomettiet li kienet biss ‘… Xnigha jew ghajdut’ (‘it is rumoured‘) … ghax il-Ministru kien qal dawn il-kliem qabli ‘presumibilment fl-estratt tal-gazzetta hawn fuq imsemmija’. Din l-’e-mail’ kellha tintbaghat lill-persuna wahda biss izda hi, bi zball kienet ghafset il-buttuna ta’ ‘Reply All’ minflok ‘Reply’ bil-konsegwenza li l-‘e-mail’ intbaghtet lil diversi persuni, u konsegwentement ma baqghetx komunikazzjoni privata. Dwar l-istess ‘e-mail’ il-konvenuta sostniet illi kien fiha informazzjoni li, di gja, kienet fid-dominju pubbliku ‘… u li kienet ripetizzjoni tal-kliem tal-attur’. Il-konvenuta xehdet ukoll ‘viva voce’ (fol 45 u fol 46 tal-istess atti) u hi regghet semmiet illi, fl-istess ‘e-mail’, kienet qed tirreferi ghal ‘allegazzjonijiet’ u ‘xnighat’ dwar interessi kummercjali’ li kellu l-attur ‘… f’xi outlets ta’ Strada Merkanti’ bhal per esempju f’artikolu li nkiteb minn terza persuna (ara fol 54 u fol 67 ibid) li fih, pero, tissemma’ biss ‘… iehor jokkupa kariga gholja mal-Gvern’. <u>Fil-kontro ezami</u>, il-konvenuta hi regghet tenniet illi kien minnu li ma kienitx investigat l-istess ‘xnieghat’ ghax ‘… jiena kont, qed naghmel ‘e-mail’ privata lill-habib …. u ma kienx hemm ghalfejn naghmel din l-investigazzjoni’ u ‘… kemm ninfurmah biss bix-xnija (korretement ‘xnigha’) li kienet ghaddejja …’. Hi ukoll semmiet li kienet taf illi wara li baghtet l-istess ‘e-mail’ l-attur kien cahad l-istess allegazzjonijet u sahansitra kienet offriet, waqt dawn il-proceduri illi taghmel apologija. Jigi rilevat, ukoll, illi <u>l-konvenuta</u> (a fol 75 ibid) kienet baghtet ‘e-mail’ korrettorja lil persuna wahda biss izda ‘Lill-ohrajn li ma bghattilhomx’.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, wara li gew rassunt il-provi kollha, prodotti mill-partijiet f’din il-kawza, ser jigu rilevati s-segwenti punti.

a) Hu minnu li jista’ jkun li l-konvenuta baghtet l-‘e-mail’ in esami lil diversi persuni, bi zball. Waqt li kienet intiza biss li tintbaghat lil persuna wahda. Pero, dwar l-element ta’ pubblikazzjoni, hu sufficjenti illi l-mezz ta’ komunikazzjoni f’dan il-kaz ‘e-mail’ jingieb a konjizzjoni ta’ terza persuna wahda. Ghalhekk, dan l-element kostituttiv jirrisulta pruvat f’dan il-kaz.

b) Fl-istess mezz, gie identifikat b’isem, l-attur

c) Dwar l-element ta’ malafama, fl-istess ‘e-mail’ jinghad espressament illi l-attur anke bl-assistenza ta’ terzi waqt li kienet ghaddejja tilwima bejn l-awtoritajiet u l-persuni li jiggestixxi bankarelli fil-Monti, akkwistaw hwienet fil-lokalita li fiha hu ppjanat li jinfethu kafejiet b’siggijiet u mwejjed fuq barra. Dan li ghadu kemm intqal gie deskritt, mill-istess konvenuta bhala xniegha u ,filfatt, ma ingiebet ebda prova in sostenn tal-istess xniegha. Tant hu hekk, l-istess konvenuta kienet disposta li tapologizza ghall-istess allegazzjoni izda ma sar xejn da parti taghha sabiex tintbaghat ‘e-mail’ ohra korrettorja lit-terzi persuni li lilhom, bi zball skond l-istess konvenuta, kienu rcevew l-istess ‘e-mail’.

Illi, dwar dan, jigi sottolineat mill-Qorti li dak li gie miktub fl-istess ‘e-mail’ hu malfamanti u libelluz u bazat semplicement fuq xnighat. Filfatt, permezz tal-istess ‘e-mail’ gie allegatament illi l-attur, li jkopri kariga pubblika effetivament gie akkuzat li kellu interess privat personali fil-funzjonijiet tieghu ta’ natura pubblika.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk b’mod evidenti, il-konvenuta ghandha tigi dikjarata illi baghtet ‘e-mail’ libelluza u malfamanti kontenenti allegazzjonijiet foloz u minghajr ebda bazi fattwali u dan fil-konfront tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-‘quantum’ ta’ danni li ghandu jigi likwidat qed jigi ffissat ‘arbitro boni viri’ fis-somma ta’ €750.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa it-talbiet kif dedotti mir-rikors in esami u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ €750 bl-imghaxijiet legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------